MINUTI

Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb

Laqgha Nru. 55

Data: 30 ta' Gunju 2023

Hin: 10.30am

Post: Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-

David Apap Agius	*Sindku*
Louis Apap	*Vici Sindku*
Tonio Mifsud	*Kunsillier*
Joseph Mizzi	*Kunsillier*
Miriam Borg	*Kunsillier*
Emily Amatulli-Depasquale	*Segretarju Ezekuttiv*

AGENDA

55.1 PA3857/23;

55.2 Tmiem tal-laqgha.

55.1 PA3857/23

55.1.1 Is-Sindku ta merhba lir-residenti u ohrajn maghhom li gew ghal-laqgha sabiex tigi diskussa l-materja ta' l-agenda li tirringwardja applikazzjoni quddiem l-awtorita' ta' l-ippjanar ghall-izvilupp fi Sqaq il-Fgura, l-Gharb. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ga tkellem ma' l-avukat Dr. Claire Bonello u lill-Perit Edward Scerri fejn kienet gew ippreparati punti ta' ogezzjoni. Huwa qal li l-punti li ser johorgu minn din il-laqgha ser ikunu jistghu jghaddu ghand dawn iz-zewg professjonisti ghall-kunsiderazzjoni taghhom biex jizdiedu ma' dawk li ppreparaw huma.

IFFIRMATA
David Apap Agius
Sindku

IFFIRMATA
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

Is-Segretarju Ezekuttiv qrat il-punti pprepati mill-Avukat u kopja taghha inghatat lil dawk prezenti.

Ir-residenti gew mistiedna jaghtu l-kumenti taghhom u minnhom hargu l-punti segwenti:

- Residenti ilmentaw li meta xtraw il-propjeta' taghhom kellhom inkluz fil-kuntratt li z-zona kienet ser tibqa' ghal bungalows u li mhux suppost ikun hemm appartamenti u li huma lest li jfittixhom ghal sommom kbar ta' ewro;

- Ilmentaw jekk issir dan l-zvilupp iz-zona ser tinbidel fil-karattru tinholoq problema tat-traffiku;

- L-gholi tal-bini li qed jintalab huwa eccessiv;

- Sar suggeriment li ghandu jkun hemm pjan li jikkontrolla z-zoni fil-lokalita' sabiex appartamenti ma jinfirxux mal-loklita kollha;

- Ghandu jsir studju sabiex jinbidlu r-regolamenti dwar l-gholi;

- Gie spjegat li fil-laqghat li jinzammu f'hdan il-Kunsill Regjonali l-problemi marbuta mall-izvilupp eccessiv u mhux propjat ikunu diskussi u gie li hadu azzjoni. F'dan l-kaz l-NGOs huma sosten ewlieni biex tkun miggieled l-izvilupp bla razan;

- Resident gibet l-attenzjoni li l-avviz fuq is-sit gie imwahhal u wara saghtejn gie imnehhi. Huwa qal li mar l-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex jinfurmahom u qalulu li jrid jibghat email. Importanti li dan ikun imnizzel fl-*objection* u li tigi notifikata l-avukat dwar dan;

- Kien suggerit li l-oggezjoni tigi mqassam fil-lokalitajiet ohra ukoll u jigu migbura l-firem;

- Problema ohra li ser tinholoq minhabba t-traffiku fejn bhalissa li hemm biss ftit karozzi, diga ikollhom joqghodu jaraw kif jghaddu ghax fil-kisra ma jghaddux tnejn u jkollhom jitwahhlu dwal tat-traffiku biex jghaddu. Immagina jekk isir dan l-izvilupp x'problema enormi ser tinholoq;

- Transport Malta ghandha tigi mitluba x'jigri f'kaz li jigi bblukat l-isqaq;

- Problema ta' parkegg ghax il-post ma jiflahx ghal aktar vetturi barra fit-triq. Dan anke ghall-fatt li ghan-numru ta' appartamenti hemm ftit garaxxijiet;

IFFIRMATA
David Apap Agius
Sindku

IFFIRMATA
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

- Problema ta' traffiku li tizdied meta tohrog minn Sqaq il-Fgura fejn hemm l-ispizerija;

- Problema ohra li lanqas fire engine ma tghaddi f'din iz-zona;

- Intqal li dan l-izvilupp ser jibdel il-karatteristika taz-zona;

- Resident qal li anke bhala drenagg ser tkun problema biex tiflah ghal dak l-influs kollu pero' gie innotat li d-drenagg ma jkunx problema imma l-problema li m'hemmx sahha tal-cables tad-dawl li jiflah ghal dan l-izvilupp b'daqshekk appartamenti peress li diga hemm problema bhalissa stess;

- Problema ta' skart fejn ser jizdied b'ammont sostanzjali l-iskart u ghamel il-mistoqsija jekk dawn hasbux ghal garbage room?

- Kien suggerit li ghandu jsir montage taz-zona fejn jikkonferma l-impatt jekk jigi zvilupp u jintuzaw professjonisti sabiex ikun jista' jsir dan u wara ser jinghata l-pubblicita';

- Gie innotat ukoll li l-art ma kienet qatt zviluppat peress li s-sid u l-ghalqa ta' ma genbhom qatt ma ttiehdu kejlijiet sewwa u ghaldaqstant kien hemm problema.

Kien maqbul li kulhadd jaghmel l-oggezjoni tieghu u tigi mibghuta b'mod individwali. Fil-kunsill ser tkun ofruta l-ghajnuna sabiex dawk li ikollhom problemabiex jaghmlu l-oggzjoni taghhom personal jistu jigi l-Kunsill u jinghata l-ghajnuna;

Is-Sindku saqsa jekk ir-residenti kollha kienux gew infurmati dwar dan il-kaz u dawk prezenti kkonfermaw dan.

55.1.2 Kien deciz li l-ogezzjoni trid tkun ibbazata fuq l-impatt negativ u t-tibdil fil-karatteristika u l-problema tat-traffiku. Min-naha l-ohra wiehed irid jara ezatt x'jinkiteb biex tkun ogezzjoni u mhux mezz kif toffri soluzzjoni.

55.1.3 Is-Sindku qal li dak li gie diskuss ser jghaddi ghand l-avukat Dr. Bonello u talab lir-residenti sabiex min irid izid xi kummenti huwa mitlub jaghmel sa nhar it-Tnejn li gej biex inkunu fil-hin nipprezentaw l-ogezzjoni. Huwa rringrazzja lir-residenti u talab lil min ghandu xi problema sabiex javvicina lill-Kunsill.

IFFIRMATA
David Apap Agius
Sindku

IFFIRMATA
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

55. 2 Tmiem tal-laqgha.

55.2.1 Il-laqgha spiccat fil-11.35am

Konfermati minn

IFFIRMATA
David Apap Agius
Sindku

IFFIRMATA
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv